# Kap: 1

# KONFOFFA TA' SKIET

**"Ma tistax isservi ahjar lix-xitan**
**minn meta tinjorrah."**

**(Gide)**



**"Iva, jien kont marah lix-Xitan jaqa' bhal berqa mis-sema."**
**(Lq 10:19)**

**"Imma ghaliex qieghed jigri dan kollu?"**
Hekk staqsa lilu nnifsu Pawlu VI ftit zmien wara li ntemm il-Koncilju Vatikan II.

- Sacerdoti jhallu l-ministeru taghhom u jizzewgu.
- Teologi li pubblikament jghallmu li ma jaqblux mad-duttrina tal-Knisja.
- Lajci nsara li jehduha kontra l-isqfijiet taghhom u l-kleru.
- Nsara li jhallu r-religjon taghhom u jipprattikaw il-Buddizmu.
- Seminaristi li jippreferu jghaddu siegha jipprattikaw il-Yoga

minflok jinxtehtu quddiem l-Ewkaristija.

- Membri tal-kleru (kultant isqfijiet) li jinkixfu li xi darba
- abbuzaw sesswalment minn tfal u nisa.
- Eluf ta' sorijiet li jhallu l-kunventi taghhom u johorgu.
- Seminarji jizvujtaw mill-vokazzjonijiet godda.
- Parrocci shah jaqilbu ma' setet jew religjonijiet insara li ma jammettux is-sagramenti.
- Protesti kontra l-Knisja ghaliex din ma tridx iccedi u tbiddel
- il-mentalita taghha dwar ic-celibat, il-kontracettivi, l-abort, id-
- divorzju, l-ewtanasja, il-permissivita sesswali, l-ordinazzjoni
- tan-nisa...

*"Imma ghaliex qieghed jigri dan kollu?"*

**It-Twegiba tal-Papa**

*"Wiehed kien jistenna* - jghid Pawlu VI - *li wara l-Koncilju, ix-xemx kienet ser tiddifuq l-istorja tal-Knisja. Minflok, gie jum ta' shab, tempesta, diam, tiftix, incertezza".*

Il-Papa m'ghandux dubju: l-ghadu dahal fin fin u qed jahdem bis-shih. Dan hu x-xitan, dak li minnu jitkellem San Pietru fl-Ittra tieghu (7 *Piet 5:8-9).* Huwa jemmen li hu x-xitan li qed ifixkel il-frott veru tal-Koncilju biex majhallix li l-Knisja tohrog b'innu ta' ferh wara li ssib tassew lilha nnifisha. Hekk esprima ruhu l-Papa Pawlu VI dwar il-krizi tal-Knisja nhar id-29 ta' Gunju 1972, fid-disa' anniversarju mill-inkoronazzjoni tieghu.

Il-gumalisti ghamlu festa u tkellmu fit-tul fuq l-intervent ta' Pawlu VI. Uhud dehru skantati kif il-Papa tkellem dwar ix-xitan, u qalu li rega' tefa' l-Knisja fiz-Zmienijiet tan-Nofs meta kulhadd kien jara x-xjaten kullimkien. Uhud sahansitra hassewhom skandalizzati.

Il-Papa ma impressjonax ruhu bir-reazzjonijiet negattivi tal-gurnalisti, u hames xhur wara, tkellem mill-gdid. Mhux biss ma rtirax dak li kien stqarr, imma ddedika katekezi shiha dwar il-prezenza attiva tax-xitan fil-Knisja fl-udjenza generali tal-15 ta' Novembru 1972.*

Il-Papa jghid car u tond illi wahda mill-htigijiet l-aktar urgenti tal-Knisja illm hija li niddefendu ruhna mix-xitan. Hu jsejjahlu *"esseri haj, spiritwali, hazin u qarrieq, realta' terribbli, misterjuza. u tal-biia'"*.

Pawlu VI jalludi wkoll ghal certi pubblikazzjonijiet ta' teologi (1) li jippruvaw bl-argumenti taghhom jillikwidaw lix-xitan, u jghid li min jichad l-ezistenza tax-xitan ikun 'il barra mill-kwadru tat-taghlim bibliku u ekklezjastiku. Dan jinghad ukoll ghal min jghid li x-xitan hu biss il-personifikazzjoni tal-hazen, minghajr origni diretta minn Alla.

*Hsibna li tkun haga xierqa li ngibu t-test shih tad-diskors importanti tal-Papa Pawlu VI. Ara pp. 265-271.

*"Ahna nafu* - jghallem il-Papa - *// dan l-esseri mudlam u hawwadi jezisti tassew u b'qerq ta' l-ghageb ghadu jahdem fostna; huwa l-ghadu mistur li jizra' l-izball u d-disgrazji fl-istorja umana ".*

Ix-xitan hadem ukoll fil-hajja ta' Kristu, illi kemm-il darba ttantah u pprova jgieghlu ma jobdix lil Missieru. Gesu sejjahlu *il-princep ta' din id-dinja"* (6'w *12:31),* tant hi qawwija s-setgha tieghu fuq il-bnedmin.

## Kapitlu nieqes fil-Katekezi

Mid-diskors tieghu il-Papa jghaddi ghal konkluzjoni prattika hafna. Huwa jghid li fit-teologija u l-katekezi jonqos kapitlu importantissimu tad-duttrina kattolika u dan hu dwar l-influss tax-xitan fil-hajja individwali ta' l-insara, tal-komunitajiet, tas-socjeta u nazzjonijiet kif ukoll tal-grajjiet. Sfortunatament, jilmenta l-Papa, dan il-kapitlu hu nieqes.
Dan jinghad ukoll ghall-predikazzjoni. Bosta predikaturi, sfortunatament, ihossuhom mohhhom maghluq jekk jitkellmu jew jipritkaw dwar ix-xitan. Safrattant, il-Papa jsejjah bhala *"bzonn importantissimu tal-Knisja"* li titkellem dwar dan.

*Il-Kard. J.L. Suenens,* li kien Arcisqof ta' Malines-Bruxelles, ma jisthix jistqarr: *"jiena wkoll inhossni ccalengjat, meta nirrealizza illi matul il-ministeru pastorali tieghi, ma ghafastx bizzejjed dwar ir-realta' tal-Qawwiet tal-Hazen li qed jahdmu llum fid-dinja u dwar in-necessita' tal-battalja spiritwali li ninsabu fiha"(2).*

L-istess stqarrija li ghamel il-Kardinal Suenens, naghmilha jien ukoll.Ikolli nammetti li ghal zmien twil ix-xitan ma kienx suggett la tat-taghlim tieghi, la tal-predikazzjoni u inqas u inqas tal-pastorali man-nies. Meta xi darba xi hadd kien jersaq lejja u jkellimni dwar ix-xitan - rarament! - kont inqis dak il-hin, bhala hela ta' zmien. Certi teologi Olandizi u Germanizi kienu nfluwenzawni u anki fit-taghlim tieghi tat-teologija dommatika, bhala *lecturer* fl-I.N.S.E.R.M., kont nipprezenta lix-xitan izjed bhala l-personifikazzjoni tal-hazen milli bhala esseri personali.

Fl-1977 bdew l-ewwel kuntatti tieghi mat-Tigdid Karizmatiku.

Diversi persuni bdew jigu ghandi u jitolbuni pariri dwar suggetti li kienu li kienu oskuri ghalija: l-ilsna, id-dixxemiment, il-profezija, il-karizmi, il-fejqan ix-xitan... Dan kien kamp gdid ghalija, minkejja li kont lecturer tat-Teologija Dommatika u Pastorali.

Bdejt ninteressa ruhi, u qajl qajl beda l-istudju tieghi dwar ir-realta tax-xitan. Bdejt nassisti ghal esperjenzi li ma kontx kapaci naghtihom tifsira.

U l-gwaj kien li bosta kienu jistaqsu lili biex indawwalhom fuq is-suggett. Ridt jew ma ridtx, kelli ninteressa ruhi, izjed u izjed meta l-bibien kollha li bdejt inhabbat ghal certu dawl li kelli bzonn, sibthom maghluqa. Hadd ma kien kapaci jghidli xejn dwar l-okkult, is-satanizmu, l-ispiritizmu. Niftakar, l-ewwel darba li smajt il-kelma *ouiga board* kien minn *question box* li ghamilt waqt kors ezercizzi fi skola privata fl-1978. Tfajla staqsietni x'hemm hazin li tilghab *bil-ouiga board.* Ma kontx naf inwiegeb ghax ma kontx naf x'inhi *ouiga board.*

Ma stajt qatt nimmagina li l-Mulej kien qed jippreparani biex jitfaghni f'dan it-tip ta' pastorali. Irrezistejt kemm-il darba. Kelli fiex nedha bizzejjed! Fuq kollox, ma hux xi suggett interessanti u bosta drabi... il-biza' hakimni!

Is-snin bdew ghaddejjin u fl-1987 kelli okkazjoni li mmur Perugja fejn assistejt ghal diversi sessjonijiet ta' liberazzjoni mix-xitan immexxijin mill-Prof. *Tarcisio Mezzetti,* li dak iz-zmien kien imexxi l-*Comunita Magnificat* fi hdan it-Tigdid ta' l-Ispirtu fl-Italja.

Tghallimt hafna, u fuq kollox talbu ghalija u mieghi biex il-Mulej isahhahni f'dan il-ministeru. Nista' nghid li issa ili mitfugh f'din il-hidma pastorali minn dak in-nhar: 1987.

Kelli naqta' bi snieni; kelli nistudja u nfittex. Imma l-izjed haga terribbli hi dik li ma tkunx mifhum. U sibt li bosta bdew jirridikulawni, anki minn fost shabi sacerdoti.
Illum nifhem li dik kienet (u forsi ghadha) parti mill-battalja li x-xitan juza kontra min iservi f’ministeri bhal dawn. Hi wkoll l-esperjenza ta' hafna ezorcisti li Itqajt maghhom. Il-qtigh il-qalb kienet u tibqa' dejjem l-arma principali tax-xitan, kontra min jahdem kontrieh.

Kultant, b'nofs cajta, nghid li l-Mulej ried jikkastigani meta poggieni f'dan il-ministeru talli ghal snin shah kwazi m'emmintx. Ridt immiss b'idejja.
Illum meta xi hadd jigi ghandi u jghidli: *"jien ma nemminxfix-xitan",* semplicement nitbissem quddiemu. U f’qalbi nitlob ghalih halli majkollux bhali jiltaqa' mieghu.

Ghax tassew: ma nkunx qed nesagera meta nghid: sfortunatament iltqajt mieghu u rajtu f’bosta mill-vittmi tieghu. Illum ma tantx ghadu jinteressani tidhakx bija jew le.

**L-Esperjenza tal-Papa Leone XIII**

Qabel ma sehhet ir-Riforma Liturgika, meta s-sacerdot kien ghadu jqaddes bil-latin, fi tmiem kull quddiesa, is-sacerdot gharkubbtejh f’riglejn l-artal kien jghid talba lil San Mikiel biex jipprotegi 'l-Knisja fil-battalja taghha kontra x-xitan. Sfortunatament illum din it-talba m'ghadhiex tinghad izjed. Kienet imsejha: *It-Talba tal-Papa Leone XIII.*

Imma kif gietu f'mohhu lill-Papa li jikkomponi din it-talba?*

Darba l-Papa, wara li ccelebra l-quddiesa u kien qed jassisti ghal ohra bhala ringrazzjament, kif is-soltu kien jaghmel, deher mahsud. Iddritta rasu u ffissa fuq xi haga li kien qed jara, proprju '1 fuq minn ras ic-celebrant. Baqa' jhares fiss, minghajr teptipa ta' ghajn, bezghan u skantat, filwaqt li wiccu bjad. Xi haga stramba kienet qed tigri fih.
Meta fl-ahhar gie f’sensih, iqum u jaghti daqqa ta' ponn soda fuq il-ginokkjatur, donnu b'sinjal li ha decizjoni finali. Telaq jghaggel lejn l-istudju privat tieghu. Il-familjari tieghu segwewh b'certa ansjeta. U qalulu: *"Santo Padre, xi gralek? Mintix f’siktek? Ghandek bzonn xi haga?"* Il-Papa wiegeb: *"Xejn, xejn".*

Wara daqs nofs siegha, sejjah lis-segretarju tal-Kongregazzjoni tar-Riti, poggielu bicca karta f'idejh u qallu jistampaha u jibghatha lill-isqfijiet kollha tad-dinja.

X'kien fiha dik il-karta?

Kienet it-talba li kull sacerdot kellu jirrecita fi tmiem il-quddiesa flimkien mal-poplu, b'talba lill-Madonna u sejha mhegga lil San Mikiel, biex jerga' jkecci lix-xitan fl-abissi ta' l-infem (3).

It-talba kellha tibda tinghad minn kull sacerdot, gharkubbtejh, haga mhux tas-soltu fic-celebrazzjoni tal-quddiesa. It-talba ntbaghtet lill-isqfijiet fl-1886.*

*Il-Kard. Nasalli Rocca,* fl-Ittra Pastoral! ghar-Randan ipubblikata f'Bologna fl-1946, jghid hekk: "Leone XIII kiteb hu stess dik it-talba. Il-frazi (ix-xjaten) "illi jduru mad-dinja ghat-telfien ta' l-erwieh" ghandha tifsira storika, kif fil-fatt inghad lilna diversi drabi mis-segretarju privat tieghu Mons. Rinaldo Angeli. Leone kellu verament dehra ta' l-ispirti infemali illi kienu qed

*Din it-talba tista' ssibha f'pagna. 28l-282.

jizdiedu fuq il-belt etema (Ruma); u minn dik l-esperjenza giet it-talba li ried li tkun recitata mill-Knisja kollha. Din it-talba hu kien jirrecitaha b'vuci qawwija u mreghda: smajnieh tant drabi jirrecitaha fil-Bazilika Vatikana. Mhux biss, imma kiteb hu stess b'idejh ezorcizmu specjali li llum insibu fir-Ritwal Ruman (4). Huwa kien jirrakkomanda li dawn l-ezorcizmi jigu recitati ta' spiss mill-isqfijiet u s-sacerdoti fid-djocesijiet u l-parrocci taghhom. Hu ta' spiss kien jirrecitahom matui il-jum" (5).

Nirrepetu li hija hasra li llum din it-talba ma tinghadx izjed, meta hija hekk necessarja biex sew il-kleru kif ukoll il-lajci jzommu kontinwament ghajnejhom miftuhin quddiem il-perikli li hawn madwarna. Naqblu mas-suggeriment ta' hafna illi din it-talba lil San Mikiel, li kienet tigi recitata kull jum mis-sacerdot wara *s-Salve Regina* (preskritta mill-Papa Piju IX) wara kull quddiesa, illum tibda tinghad jew fil-Liturgija tas-Sighat jew fit-Talba tal-Fidili (6).

Ta' min jinnota illi ftit zmien qabel din id-dehra tad-dinja infernali lill-Papa Leone, l-istess Papa kien ippubblika l-Enciklika tieghu dwar il-mazunerija. Fost l-ohrajn huwa jghid f'din l-enciklika: "Minn meta, minhabba l-ghira tax-xitan, il-gens uman infired minn Alla, li lejh huwa midjun ghall-istess ezistenza tieghu u ghad-doni soprannaturali li ghandu, il-bnedmin huma mifrudin f'zewg nahat ghedewwa ta' xulxin. Huma ma jieqfux jiggieldu,

naha wahda ghas-sewwa u l-virtu u n-naha l-ohra ghal dak kollu li hu kuntrarju ghas-sewwa u l-virtu".
Tajjeb ukoll li wiehed jinnota illi Piju **XI** ried illi fir-recita tat-talb imsemmi wara kull quddiesa, titpogga l-intenzjoni ghar-Russja (diskors tat-30 ta' Gunju 1930). Il-Papa jghid hekk: *"U sabiex ilkoll nistghu minghajr tbatija inkomplu din il-krucjata* (qed jirreferi hawn ghall-krucjata ta' talb lil Alla biex tieqaf fir-Russja l-persekuzzjoni religjuza), *nistabilixxu illi dak it-talb illi l-ante' cessur taghna Leone XIII ordna **li** jigi recitat wara l-quddiesa mis-sacerdoti u l-fidili, jinghad ghal din l-intenzjoni partikulari, jigifieri ghar-Russja. Dwar dan jiehdu hsieb l-isqfijiet u l-kleru djocesan u regolari li javzaw lill-poplu u lil dawk kollha li jisimghu l-quddiesa, u dan jiehdu hsieb li jaghmluh ta' spiss"* (7).
Minn dan kollu wiehed jista' jara kemm l-interess tal-Papiet kien u hu kbir fil-glieda reali kontra Satana u l-alleati tieghu.

**Il-Glieda ta' Gwanni Pawlu II**

Ma' dawn wiehed ma jridx ihalli barra lilll-Papa Gwanni Pawlu II. Fit-taghlim tieghu dwar ix-xitan, imur izjed 'il quddiem mill-istess Pawlu VI. Il-Papa ghal sitt darbiet wara xulxin jitratta kateketikament is-suggett dwar ix-xitan fl-udjenzi tieghu ta' nhar ta' Erbgha. Ma' dawn wiehed izid il-pellegrinagg tieghu fis-Santwarju ta' San Mikiel Arkanglu fuq il-Gargano nhar l-24 ta' Mejju 1987 u diskors iehor dwar ix-xitan li ghamel nhar l-4 ta' Settembru 1988 fl-okkazjoni tal-vjagg tieghu f'Torin. *"Ix-xitan huwa attwali llum ukoll* - jishaq il-Papa fil-Grotta ta' San Mikiel - *u huwa haj u jahdem bis-shih fid-dinja ta' llum. Il-hazen li hawn fid-dinja, id-dizordni li tilmah fis-socjeta', l-inkoerenza fil-bniedem, it-tahwid interjuri li tieghu hu vittma, mhumiex biss konsegwenzi tad-dnub originali, imma wkoll effett ta' l-azzjoni mdallma u qerrieda ta' Satana, ta' dan il-qarrieq ta' l-ekwilibriju tal-bniedem li San Pawl ma jahsibhiex darbtejn li jsejjahlu 'l-Alla ta' din id-dinja' ghaliex jimmanifesta ruhu bhala makakk li jsahhrek u li jirnexxilu jidhol fl-agir tal-bniedem".*

U proprju f'din il-grotta, fejn jinghad li deher San Mikiel fit-8 ta' Mejju fuq il-Gargano, fil-Puglia, u fejn fl-1216 jasal ukoll San Frangisk li fuqha jaghmel is-sinjal tas-salib (TAU) imma li ma jidholx fiha ghax hassu ndenn, il-Papa Gwanni Pawlu II jippronunzja l-ezorcizmu: *"Int, kap ta' l-ezerctu tas-sema, bil-qawwa moghtija lilek minn Alla, aqfel fl-infern lil Satana u lill-ispirti hziena l-ohrajn illi jiggerrew mad-dinja biex jeqirdu l-erwieh".* (8)

**Qerq f'Konfoffa ta' Skiet**

Filwaqt li x-xitan jinsab imhabbat jahdem madwarna qisu ljun li jrid jiblaghna, l-insara moxxi moxxi bilkemm qed jindunaw li jinsabu f'battalja. U meta titkellem dwar ix-xitan, tinduna li minn taht il-mustacci jkunu qed jghadduk biz-zmien.
Diga qabel il-famuzi inter venti ta' Pawlu VI, *il-Kard. Gabriel-Marie Garrone* ilmenta mill-konfoffa ta' skiet dwar ix-xitan.

*Il-lum kwazi ma tissugrax titkellem. Fuq dan l-argument, issaltan konfoffa ta' skiet. U min jitkellem ujikser is-skiet, jaghmlu bi ksuhat biex taparsi jipprova li x-xitan majezistix. Issa fuq dil-haga tezisti certezza min-naha tal-Knisja illi ma tistax tichadha ghaliex hi msejsa fuq it-taghlim kontinwu tal-Knisja li ghandu bhala ghajn l-Evangelju. L-ezistenza, in-natura, l-azzjoni tax-xitan huma kamp misterjuz illi dwaru l-unika haga gharfa hi li taccettah bhala parti mill-fidi, minghajr ma tippretendi li ssir taf izjed minn dak li tirrivelalna l-Iskrittura".* (9)
U jikkonkludi l-Kardinal: *"Meta tichad l-ezistenza u l-azzjoni tad-dimonju tkun qed toffrilu setgha fuqek"* (10).

Madwar ghaxar snin wara, *Mons. Leon-Arthur Eichinger,* isqof ta' Strasbourg, jitkellem b'mod qawwi dwar ix-xitan u l-ezistenza tieghu.
*"Li temmen f'Lucifru, fil-Qarrieq, f'Satana, fl-azzjoni ta' l-ispirtu tal-hazen fostna, tad-demonju, tal-Princep tax-xjaten, ifisser li tesponi ruhek quddiem hafna bhala imbecilli, semplici, superstizzjuz.*
*Kollox sew: minkejja dan kollu, jiena nemmen.*

*Nemmen fl-ezistenza tieghu, fl-influss tieghu fuqna, fl-intelligenza fina tieghu, fil-kapacita' kbira li jinheba, fl-abilita' li jiddeffes f'kollox, fl-arti antika tieghu ta' kummidjant li jgaghiek sahansitra tahseb illi lanqas biss jezisti.*

*Iva, nemmen fil-prezenza tieghu fostna, fis-successi tieghu, imqar fil-gruppi li jiltaqghu biex jiggieldu kontra l-qerda tas-socjeta' u ta' l-istess Knisja. Hu jirnexxilu jgeghlhom jimpenjaw ruhhom f'attivitajiet sekondarji u kultant infantili, ftilwim inutli, f'diskussjonijiet vojta u safrattant hu jkompli l-loghba tieghu minghajr biza li jigi mfixkel".* (11)

Inhossni cert illi wahda mill-ikbar rebhiet tax-xitan hi li jinheba daqslikieku ma jezistix. U s-sabiha hi li dan il-qerq l-aktar li jaqghu fih huma l-istess sacerdoti, kultant isqfijiet, teologi u katekisti.

Hawn certu biza' li jzommok lura milli titkellem dwaru.

Niftakar darba kont qrajt dwar sacerdot li qalilhom hekk lill-katekisti tieghu: "Niftiehmu sewwa: tkellmuhomx lit-tfal dwar ix-xitan. U dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwelnett ghaliex jehtieg ma tbezzghuhomx. U mbaghad, ghaliex ix-xitan ma jezistix". Wahda mill-katekisti sahnet u wegbitu: "Sur kappillan, ix-xitan jezisti, meta wiehed jaf kemm il-Kurat t'Ars (San Gwann M. Vianney) kellu jithabat mieghu".
Il-kappillan wegibha: "Li kieku l-Kurat t'Ars ma kienx jiekol daqshekk patata mghollija qabel ma jorqod, ma kienx jarah lix-xitan!"
Ahna naqblu li lit-tfal irridu noqoghdu attenti hafna illi ma noholqux fihom bezghat u trawmi. Certu kulur li naghtu fl-ispjegazzjoni tad-duttrina ma jaghmilx gid. Imma altru titkellem minn *metodi ta' taghlim* u altru *tichad l-ezistenza* ta' kapitlu importantissimu fid-duttrina kattolika, minkejja li c-centralita ta' Kristu m'ghandha qatt titpogga fid-dell.

Wiehed jifhem malajr ghaliex Pawlu VI kien preokkupat dwar dan is-silenzju u sahaq biex l-evangelizzaturi ma jhallux barra din ir-realta. Kif tista' tiggieled kontra l-ghadu li int lanqas biss temmen li jezisti?!
Nifhmu wkoll ghaliex Gwanni Pawlu II qal liz-zghazagh:

*"Tibzghux issejhu bl-isem proprju tieghu lill-protagonista tal-hazen: Ix-xitan"* (12)

Ghandu mitt elf ragun il-filosfu Gide jghid illi l-ikbar qerq fin tax-xitan hu li jahbi l-prezenza tieghu u jgeghlna nahsbu li ma jezistix, ghaliex *"ma tistax isservih ahjar minn meta tinjorah"* (13)

**Ghaliex tibza' temmen?**

Ninsabu f'epoka meta nibzghu nemmnu fix-xitan, imma nitkellmu dwaru daqslikieku hija l-moda taz-zmien. Il-motivi huma diversi.
Hawn min jitkellem fuqu biex jichad l-ezistenza tieghu. Kif diga ghedna, fost dawn ma jonqsux certi teologi - bhalma huma Haag, Kasper, Franzoni u

ohrajn - li wara l-Koncilju poggew fid-dubju dak li l-Knisja ilha temmen ghal elfejn sena shah.
Hemm imbaghad dawk li jitkellmu dwar ix-xitan b'biza' kbir fihom. Dawn jinsabu f'estrem iehor. Jaraw lix-xitan kullimkien u f'kollox. Iwahhlu fih ghal kull haga ta' xejn. Bil-MaIti nghidu, meta haga tigina hazina, *"ix-xitan m'ghandux halib!"*
Issib imbaghad lil dawk li jitkellmu fuqu b'certu entuzjazmu. Dawn, ghal motivi personali u mqarrqin wahda kif tmiss il-ligi, jaslu biex jadurawh u jahdmu mieghu id fid ghas-saltna tieghu fuq din l-art. Huma s-satanisti.
Bosta ohrajn - fosthom isqfijiet u sacerdoti - jippreferu ma jitkellmux fuqu, mhux biss ghax ma jafu xejn dwaru, imma wkoll ghax ma jinteressahomx. Ihossu li temi bhal dawn kienu jghoddu izjed fiz-Zmenijiet tan-Nofs milli llum, l-era spazjali u tal-*computers* (14).

Ahna rridu nevitaw l-estremi kollha.
La rridu naraw lix-xitan wara kull kantuniera u purtiera tad-dar taghna u lanqas inkunu daqshekk *naive* illi nikkunsidrawh bhala fantazma fil-mohh. Ma rridux naqghu fin-nassa tat-tattika tieghu.

*"It-tattika li dejjem uza u ghadu juza* - qal Gwanni Pawlu **II** liz-zghazagh - *hi dik li jinheba b 'tali mod illi l-hazen, imxerred minnu stess, jikber bil-ghajnuna ta' l-istess bniedem, bis-sistemi u r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, bil-klassijiet... biex hekk id-dnub isir dejjem izjed dnub strutturali, b 'tali mod li ma jirnexxilekx tidentifikah izjed bhala dnub personali. Hekk il-bniedem ihossu liberu mid-dnub filwaqt li jkun qed joghdos go fih"* (15).

Kif ghad naraw izjed 'il quddiem, ix-xitan jaf li hu mirbuh u ghaldaqstant jinsab minn taht. Il-glieda li jaghmel jaf li mhix se ggiblu rebha finali, imma jipprova jivvendika ruhu kemm jista' minn "ulied Alla, mehlusin minn Gesu bid-demm tieghu". Biex jasal ghal dan ipoggi fil-qalb tal-bniedem:

- Jew *preokkupaz.zjoni eccessiva ghall-azzjoni tieghu,* li allura ggib fil-bniedem biza' esagerat minnu:
- Jew *xetticiimu eccessiv dwar l-istess **ezistenza** tieghu,* **li** tiftah il-bibien ghal azzjoni qerrieda u fina.

Ghal dawn l-ahhar elfejn sena, it-twemmin fix-xitan kien mar fl-estrem. F'hafna mhuh, ix-xitan kien qed jokkupa post prominenti u bosta avvenimenti, li llum nafu li ghandhom kawzi naturali, kienu jigu meqjusin

bhala azzjoni tax-xitan. Hekk per ezempju nsemmu t-tempesti, it-terremoti u kull dizgrazzja ohra. Ix-xbiha tieghu kont issibha mnaqqxa fl-injam u fil-gebla b'dettalji kbar fil-knejjes sew fuq il-bibien jew faccata ta' barra kif ukoll gewwa. Nimmagina li dan kien isir biex kontinwament l-insara jiftakru f'dan il-ghadu taghhom u jippruvaw jevitawh.

Ix-xitan u shabu kienu jbezzghu lil hafna ghax kienu jemmnu li dawn setghu jitturmentaw irgiel u nisa, u kultant ukoll ibiddlu lill-bniedem fi kreaturi moqzieza. Ix-xitan kien jitqies bhala *"s-sinjur ta' taht l-art".* Insomma: tahlita shiha ta' twemmin u superstizzjoni. L-ikbar biza' mbaghad kien dejjem dak li x-xitan jippossedik u ssir *"indemonjat".*
Minhabba f'hekk bosta kienu jpoggu fid-djar il-qarn jew jilbsu amuleti biex jigu protetti mill-hakma tax-xitan.
Insomma: missirijietna kienu jghixu fil-biza' tad-dimonju, u kienu jqisuh responsabbli ta' hafna mard bhal nghidu ahna l-epilepsija (mard tal-qamar), azma, mard fil-ghajnejn u idropsija (meta wiehed jintefah bl-ilma). Ghal hafna dawn kienu s-sinjali tax-xitan fuq il-bniedem. Dak kollu li wiehed ma kienx jasal biex jifhem jew jispjega b'kawzi naturali, kien jigi meqjus bhala hidma tax-xitan.

Is-shahar kienu jigu mahruqa hajjin, u mhux darba u tnejn din ix-xorti kiefra messet ukoll lill-innocenti, tant kienu kbar is-superstizzjoni u l-biza'.
Qajl qajl il-bniedem beda jsir izjed analitiku u kritiku fit-twemmin tieghu, izjed xjentifiku u inqas bezghan minn dak li llum insejhulu 'paranormali'.
Is-sabiha hi li, bhala reazzjoni, bosta bdew jarmu kollox sa l-istess idea tax-xitan bhala persuna. Satana jsir allura ghal hafna, kelma bla sens, superstizzjoni, hlejqa ta' l-immaginazzjoni, biza' tal-passat.
Fil-hsieb modern, ma baqax post ghax-xitan. Ix-xitan bhala persuna ma sabx postu fl-era tal-psikologija, *tat-test tubes* u tal-*computer.* Issa l-bniedem sar wisq gharef fid-dijanjosi tal-mard sew dak fiziku kif ukoll dak psikiku, u allura wiehed ma setax jibqa' jiehu lix-xitan serjament.

Id-dimonju issa bdejna npinguh b'mod ciniku, bil-qrun, b'denb f'forma ta' vlegga, b'furkettun f'idejh u b'wicc imkemmex. Zgur li b'hekk hadd ma seta' jibqa' jemmen fl-ezistenza ta' xitan ta' dan it-tip.
L-istess shahar bdew jigu kkunsidrati bhala figuri komici. Insomma: ix-xitan issa sar cajta. Sar figura bla sens, li ghandha l-gheruq taghha fi zmenijiet imdallma.

Dawk l-inkwadri li kont issibhom f’bosta kmamar tas-sodda, fejn tfajla qed tigi mkaxkra mix-xjaten fl-infern, saru mhux izjed stampi li jbezzghu daqskemm stampi li jdahhku.

Imma... tassew li x-xitan ma jezistix?

Ninnutaw illi minkejja kollox, f'dawn l-ahhar zminijiet, il-bniedem rega' beda jirrifletti dwar jekk minn estrem marx f’iehor. Hafna qed ifittxu twegibiet ghal bosta mistoqsijiet dwar il-hazen madwama, li mhux dejjem facli thollhom bil-mohh limitat taghna.
Qeghdin nassistu ghal haga stramba: filwaqt li l-bniedem ghamel progress ta' ggant fl-ekonomija, medicina, psikologija, teknologija, esperimenti spazjali ecc., madankollu sejrin mill-hazin ghall-aghar. X'qed jigri? Min qed ihawwad il-borma? Min qed jaqla' l-hama? Min qed igerfex kollox mill-gdid?
Pawlu VI kien kuraggjuz bizzejjed biex jistaqsi jekk certi sinjali jippermettulniex nidentifikaw il-prezenza zgura ta' qawwiet satanici warajhom. Problema delikata u twegiba riskjuza. Certament, it-twegiba, specjalment meta nigu f'kazi specifici -bhal nghidu ahna: kien hemm forza satanika wara n-Nazizmu? wara l-komunizmu? wara l-konsumerizmu tal-lum? - mhix facli. Ghalkemm is-sinjali tax-xitan jidhru evidenti, madankollu wiehed ghandu jwiegeb bi prudenza kbira, kif iwissina Tertulljanu (16).
Pawlu VI jaghtina orjentament biex niddixxernu tajjeb. Huwa jghid: "Nistghu nissopponu li hemm il-hidma tax-xitan meta nilmhu c-cahda t'Alla b'mod radikali, fin u assurd; Jew meta l-gidba ssaltan bhala qawwa kontra l-verita evidenti; Jew meta l-imhabba hi mitfija minn egoizmu kiesah u krudil; Jew meta l-isem ta' Gesu hu sfidat b'mibeghda cara u salvagga (cf. 7 *Kor 16:22;2:3);jew* meta l-ispirtu ta' l-Evangelju hu mistifikat u mgiddeb; jew fejn id-disperazzjoni hija meqjusa bhala l-ahhar kelma ecc." (17). Kliem tad-deheb, li jgeghlna nifthu ghajnejna berah.

## Ix-Xitan sar *Business*[9]

F'dawn l-ahhar snin ix-xitan beda wkoll isahhar lill-hafna, specjalment meta sar mezz ta' qligh ta' flus. Imbottatura qawwija saret b'kotba popolari u films bhalma huma *The Exorcist* u *Rosemary's Baby.* F'*'Hollywood* temi dwar ix-xitan, l-okkult u l-ispiritizmu saru *"big business".* Meta wiehed jaqra kotba bhal dawn jew *jara films* ta' din ix-xorta, bla dubju ta' xejn iqum minn postu eccitat, bezghan, imma... minghajr tama u fuq kollox imhawwad. Forsi

wiehed b'dan il-mod jibda jemmen, imma mhux b'mod san u b'sahhtu. Li xi hadd ikellmek dwar il-gwerra, ibezzghek li se tmut, imma ma jaghtikx il-qawwa li tiggieled kontrieha, int tkun ersaqt pass iehor 'il quddiem lejn il-qerda tieghek. Huwa zball meta l-media tpingi lix-xitan bhala "l-Qawwi" minghajr ma tipponta lejn Kristu, il-veru Rebbieh tax-xitan.
Ma' dawn insemmu l-muzika satanika, li llum saret moda ghal hafna gruppi, u li qed taghmel herba shiha fost iz-zghazagh. Ikollna cans nitkellmu dwar dan aktar 'il quddiem. Donnu l-bniedem jiehu gost irawwem il-biza' fl-ohrajn, kif jghid San Luqa:
*"innimes ruhhom hierga bil-biia'"* (21:26)

**Fantasija jew realta?**

*Il-Kard. Suenens* jinnota illi Hum l-insara jhossuhom skomdi biex jemmnu li x-xitan jezisti bhala persuna. Bosta jibzghu jitkellmu dwaru ghaliex *"allura jkunu jidhru daqslikieku qed jaccettaw l-ikonografija popolari li ddur mieghu u jinsew il-progress tax-xjenza"* (18).
*Michael Green* jaghmel osservazzjoni interessanti. Jghid illi l-ikbar dubji dwar ix-xitan insibuhom fin-nazzjonijiet insara. Hu fejn ir-rebha ta' Kristu fuq ix-xitan hija maghrufa u ccelebrata bil-ferh illi jinqalghu d-dubji. Ghalih hu nifs qawwi meta jkunu proprju l-ulied mifdijin b'demm Kristu illi jiddubitaw mir-rebha. Hu hawn li hu stess ihawwad l-imhuh. Il-battalja tieghu hija principalment kontra l-insara. U difatti huma dawn li qed jiddubitaw mill-ezistenza tieghu.
Fl-artijiet mhux insara ma jezistux dawn id-dubji. Hemm issib certezza f'kulhadd li x-xitan tassew jezisti u qed ixerred iz-zerriegha tal-hazen u l-qerq. Ir-religjonijiet animisti, l-Islam, il-Induizmu... dawn m'ghandhomx illuzjonijiet dwar l-Ghadu. Hawn ix-xitan hu maghruf, jibzghu minnu u bosta drabi jadurawh ukoll.
In-nuqqas ta' twemmin fix-xitan hu l-karatteristika ewlenija tal-Kristjanezmu occidental! materjalista (19).
U ta' sikwit il-quccata ta' dan in-nuqqas ta' twemmin insibuh fis-seminarji taghna. F'kors twil ta' diversi snin, it-teologi ftit li xejn jitkellmu dwar ix-xitan, u meta jitkellmu, inisslu dubji f'mohh l-istudenti dwar l-ezistenza tieghu, u meta din ma tigix michuda, imbaghad majsir l-ebda diskors dwar il-glieda tieghu kontrina, it-tattika li juza, u l-mod kif ahna ghandna nirreagixxu. (20)

Meta l-Mulej poggieni f'dan il-ministeru, sibt ruhi f'diffikulta kbira ghaliex ma kellix idea cara dwar is-suggett. U dan wara li kont tghallimt it-teologija, illawrjajt fiha, u kont ili nghallimha ghal aktar minn ghoxrin sena!
Wasal iz-zmien, u hu urgenti, li dan is-suggett jidhol fil-programm ta' taghlim fis-seminarji taghna, fil-kors tal-Fakolta fl-Universita kif ukoll fil-korsijiet li jinghataw lil-lajci.

Hija haga bla sens illi nigu ppreparati ghal glieda minghajr ma nkunu nafu min hu l-ghadu u x'tattikajuza.
Hu ghalhekk li x-xitan qed jaghmel xalata shiha minn fuq dahar is-sacerdoti, l-isqfijiet, il-katekisti u kull min hu mdeffes fl-evangelizzazzjoni.

**Ix-xitan hu fantasija jew realta?**

Nghid jien... min jekk mhux biss xitan personali, seta' jdahhal fil-mohh tan-Nazisti illi joqtlu aktar minn sitt miljun persuna, b'daghdiegha animaleska biex jeqirdu r-razza Ihudija? Kif tista' tfisser, minghajr l-influss sataniku - u dan nippruvawh izjed 'il quddiem - l-atrocitajiet li saru f'Belsen u Auschwitz, fejn eluf u eluf gew maqfula u maqtula fil-kmamar tal-gass?

Kif tfisser il-fatt illi ragel ta' l-affari tieghu, joqtol kiesah u biered wiehed minn uliedu b'mod barbaru, u wara jghidiek: *"ma nafx x'imbuttani biex naghmel dan?"*

Kif inhu possibbli li ragel jidhol fil-kamra tal-banju u hemm ihanxar ghonq martu,jekk ma nammettux il-hidma qerrieda tax-xitan madwarna?

Forsi ghal hafna dawn jidhru argumenti tat-tfal.

Inharsu ghaldaqstant lejn il-Kelma t'Alla, u naraw x'tghidilna dwar ix-xitan.

*** *** *** ***